C/2026/2991

29.5.2026

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (IĊE) "Projbizzjoni ta' prattiki ta' konverżjoni fl-Unjoni Ewropea"

(C/2026/2991)

1. INTRODUZZJONI: L-INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI

"Projbizzjoni ta' prattiki ta' konverżjoni fl-Unjoni Ewropea" ([1]) hija t-13-il inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej ("IĊE") ippreżentata lill-Kummissjoni għal eżami wara li jintlaħqu l-limiti stabbiliti ([2]) meħtieġa mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE") u r-Regolament (UE) 2019/788 ([3]) ("ir-Regolament IĊE").

L-organizzaturi jiddeskrivu l-objettivi tagħhom kif ġej:

> *Nistiednu lill-Kummissjoni Ewropea tipproponi projbizzjoni legali vinkolanti fuq il-prattiki ta' konverżjoni mmirati lejn iċ-ċittadini LGBTQ+ fl-Unjoni Ewropea:*
>
> *Il-prattiki ta' konverżjoni huma interventi mmirati lejn it-tibdil, ir-repressjoni jew it-trażżin tal-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru u/jew l-espressjoni tal-ġeneru tal-persuni LGBTQ+.*
>
> *Prattiki bħal dawn, minħabba n-natura diskriminatorja, degradanti, dannuża u frodulenti tagħhom ġew ikkwalifikati bħala tortura min-Nazzjonijiet Uniti, u bħalissa qed jiġu pprojbiti f'numru dejjem jikber ta' Stati.*
>
> *L-UE għandha rwol ewlieni fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u għandha tieħu azzjonijiet biex tiġġieled kontra l-prattiki inumani kollha. Il-Kummissjoni għandha tipproponi direttiva li żżid prattiki ta' konverżjoni mal-lista ta' reati b'dimensjoni tal-UE u/jew temenda d-direttiva li għaddejja bħalissa dwar l-ugwaljanza (2008) biex tinkludi projbizzjoni fuq dawn il-prattiki.*
>
> *Barra minn hekk, biex tiġġieled kontra l-moratorju leġiżlattiv, il-Kummissjoni għandha tinforza wkoll riżoluzzjoni mhux vinkolanti li tappella għal projbizzjoni mifruxa tal-prattiki ta' konverżjoni fl-UE.*
>
> *Fl-aħħar nett, nistiednu lill-Kummissjoni temenda d-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi biex tistabbilixxi standards minimi dwar id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ta' prattiki ta' konverżjoni.*
>
> *L-Istati Membri kollha għandhom jintroduċu projbizzjoni fuq il-prattiki ta' konverżjoni jew jirrevedu dawk attwali tagħhom.*

Wara t-talba tal-organizzaturi fis-27 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni rreġistrat l-inizjattiva fl-24 ta' Jannar 2024 ([4]). Anness ippreżentat mat-talba għar-reġistrazzjoni tal-IĊE jipprovdi aktar dettalji dwar is-suġġett, l-objettivi u l-isfond tal-inizjattiva. B'mod partikolari, l-organizzaturi jelenkaw ukoll rakkomandazzjonijiet għal projbizzjoni fuq il-prattiki ta' konverżjoni mir-rapport "Conversion Practices on LGBT+ People" ([5]), mitlub mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament Ewropew fl-2023.

L-organizzaturi ġabru d-"dikjarazzjonijiet ta' appoġġ" (firem) meħtieġa bejn is-17 ta' Mejju 2024 u s-17 ta' Mejju 2025. Fis-17 ta' Novembru 2025, wara li l-awtoritajiet tal-Istati Membri kienu vverifikaw id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, l-organizzaturi ppreżentaw l-inizjattiva lill-Kummissjoni. Fl-istess data, il-Kummissjoni ppubblikat l-avviż li jikkonferma l-validità tal-inizjattiva fir-reġistru tal-IĊE.

([1]) Projbizzjoni ta' prattiki ta' konverżjoni fl-Unjoni Ewropea.

([2]) Abbażi tal-Artikolu 3 tar-Regolament dwar l-IĊE, inizjattiva tkun valida jekk: (a) irċeviet l-appoġġ ta' mill-inqas miljun ċittadin tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 2(1) ("firmatarji") minn mill-inqas kwart tal-Istati Membri; u (b) f'mill-inqas kwart tal-Istati Membri, in-numru ta' firmatarji huwa mill-inqas daqs in-numru minimu stabbilit fl-Anness I, li jikkorrispondi għan-numru ta' Membri tal-Parlament Ewropew eletti f'kull Stat Membru, multiplikat bin-numru totali ta' Membri tal-Parlament Ewropew, fil-mument tar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva.

([3]) Ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55).

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/442 tal-24 ta' Jannar 2024 dwar it-talba għar-reġistrazzjoni, skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata Projbizzjoni ta' prattiki ta' konverżjoni fl-Unjoni Ewropea.

([5]) Il-Parlament Ewropew, "Conversion Practices on LGBT+ People" (Prattiki ta' Konverżjoni dwar il-Persuni LGBT+), 2023.

L-organizzaturi ppreżentaw l-objettivi tal-inizjattiva fid-dettall f'laqgħa mal-Kummissjoni fit-12 ta' Diċembru 2025 ([6]) u matul seduta pubblika organizzata mill-Parlament Ewropew fit-2 ta' Marzu 2026. Matul is-seduta pubblika, l-organizzaturi speċifikaw li huma japprezzaw jekk il-Kummissjoni Ewropea tadotta rakkomandazzjoni li tħeġġeġ lill-Istati Membri jieħdu miżuri biex itemmu l-prattiki ta' konverżjoni fil-kuntesti nazzjonali tagħhom ([7]).

Sussegwentement, fil-25 ta' Marzu 2026, il-Parlament kellu dibattitu plenarju dwar l-inizjattiva "Projbizzjoni ta' prattiki ta' konverżjoni" ([8]).

Din il-komunikazzjoni tistabbilixxi l-konklużjonijiet legali u politiċi tal-Kummissjoni dwar l-inizjattiva, l-azzjoni li beħsiebha tieħu, ir-raġunijiet tagħha għal dan u l-iskeda ta' żmien prevista, f'konformità mal-Artikolu 15(2) tar-Regolament dwar l-IĊE.

2. KUNTEST

2.1 Il-kwistjoni

Il-prattiki ta' konverżjoni "huma interventi ta' ħsara kbira li jibbażaw fuq l-idea medikament falza li l-persuni LGBT[IQ+] huma morda, li jikkawżaw uġigħ kbir u tbatija qawwija, u jirriżultaw fi ħsara psikoloġika u fiżika fit-tul" ([9]). Dawn il-prattiki, li jistgħu jinkludu abbuż verbali, koerċizzjoni, iżolament, medikazzjoni furzata, xokkijiet elettriċi, abbuż fiżiku u sesswali ([10]), fil-fatt ma għandhom l-ebda valur terapewtiku, peress li ma hemm xejn x'"jitfejjaq" jew x'"jitrażżan".

L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) waqfet tikklassifika l-"omosesswalità" bħala disturb mentali fl-1990, billi neħħietha mill-għaxar reviżjoni tal-Klassifikazzjoni Statistika Internazzjonali tal-Mard u ta' Problemi tas-Saħħa Relatati (ICD-10). Fl-2019, id-WHO neħħiet ukoll id-"disturb tal-identità tal-ġeneru" mill-kapitolu "Disturbi mentali u fl-imġiba" tal-11-il reviżjoni tal-Klassifikazzjoni Statistika Internazzjonali tal-Mard u ta' Problemi tas-Saħħa Relatati (ICD-11) ([11]).

Barra minn hekk, korpi Ewropej u internazzjonali ewlenin opponew pubblikament prattiki ta' konverżjoni, inklużi l-Assoċjazzjoni Medika Dinjija fl-2013 ([12]), l-Assoċjazzjoni Dinjija tal-Psikjatrija fl-2016 ([13]) u l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Psikjatrija fl-2022 ([14]).

Skont l-istħarriġ dwar l-LGBTIQ tal-2023 imwettaq mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali ([15]), wieħed minn kull erba' (24 %) persuni LGBTIQ+ esperjenzaw prattiki ta' konverżjoni, inklużi vjolenza fiżika u sesswali, abbuż verbali u umiljazzjoni. Din iċ-ċifra kważi tirdoppja għal 47 % għal nisa trans u 48 % għal irġiel trans.

Barra minn hekk, ir-rapport tan-NU tal-Espert Indipendenti dwar il-ħarsien mill-vjolenza u d-diskriminazzjoni bbażati fuq l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru jindika li l-fenomenu tal-prattiki ta' konverżjoni huwa globali u jaffettwa b'mod sproporzjonat liż-żgħażagħ LGBTIQ+ ([16]).

2.2 Il-kuntest tal-politika Ewropea

Kulħadd fl-Unjoni Ewropea jeħtieġ iħossu sigur u liberu li jkun hu nnifsu. L-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni huma valuri fundaturi u drittijiet fundamentali stabbiliti fit-Trattati tal-UE u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

([6]) Laqgħa tal-organizzaturi tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej "Projbizzjoni ta' prattiki ta' konverżjoni fl-UE" mal-Kummissjoni Ewropea.
([7]) Il-Parlament Ewropew, laqgħa ordinarja tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, seduta pubblika: Projbizzjoni ta' prattiki ta' konverżjoni fl-Unjoni Ewropea tat-2 ta' Marzu 2026.
([8]) Il-Parlament Ewropew, dibattitu fil-plenarja tal-25 ta' Marzu 2026.
([9]) Espert Indipendenti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-ħarsien mill-vjolenza u d-diskriminazzjoni bbażati fuq l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru, Practices of so-called "conversion therapy", l-1 ta' Mejju 2020.
([10]) L-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa (PACE), ir-Riżoluzzjoni 2534 (2026): Il-protezzjoni ta' persuni LGBTI minn "prattiki ta' konverżjoni", adottata fid-29 ta' Jannar 2026.
([11]) Is-sostituzzjoni tiegħu b'"inkongruwenza tal-ġeneru" fil-kapitolu l-ġdid "Kundizzjonijiet relatati mas-saħħa sesswali" tal-11-il reviżjoni tal-Klassifikazzjoni Statistika Internazzjonali tal-Mard u ta' Problemi tas-Saħħa Relatati (ICD-11).
([12]) Id-dikjarazzjoni tal-Assoċjazzjoni Medika Dinjija dwar varjazzjonijiet naturali tas-sesswalità tal-bniedem, adottata mill-64-il Assemblea Ġenerali tal-Assoċjazzjoni Medika Dinjija, Ottubru 2013.
([13]) Id-dikjarazzjoni tal-pożizzjoni tal-Assoċjazzjoni Dinjija tal-Psikjatrija dwar l-identità tal-ġeneru u l-orjentazzjoni, l-attrazzjoni u l-imġiba tal-istess sess, Settembru 2016.
([14]) Id-dikjarazzjoni tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Psikjatrija dwar "terapiji" ta' konverżjoni u pazjenti LGBTQ, Jannar 2022.
([15]) L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, LGBTIQ equality at a crossroads – Progress and challenges, 2024.
([16]) Espert Indipendenti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-ħarsien mill-vjolenza u d-diskriminazzjoni bbażati fuq l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru, Practices of so-called "conversion therapy", l-1 ta' Mejju 2020.

Il-President Ursula von der Leyen tat mandat lill-Kummissarju Hadja Lahbib, fl-ittra ta' missjoni tagħha ([17]), biex "tipproponi Strateġija mġedda dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ għal wara l-2025. Dan jeħtieġ jiffoka b'mod partikolari fuq il-fastidju u l-vjolenza kontinwi u persistenti motivati mill-mibegħda, inkluż online, u l-projbizzjoni tal-prattika tat-terapija ta' konverżjoni."

L-istrateġija dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ 2026-2030 ([18]), adottata fit-8 ta' Ottubru 2025, ħabbret li "il-Kummissjoni se tieħu azzjoni xierqa biex tiġġieled il-prattiki ta' konverżjoni, b'enfażi partikolari fuq l-appoġġ lill-Istati Membri, li għandhom rwol kritiku f'dan il-qasam. Fl-iżvilupp tal-approċċ tagħha għall-ġlieda kontra l-prattiki ta' konverżjoni, il-Kummissjoni, b'mod partikolari, se tqis l-inizjattiva riċenti taċ-ċittadini Ewropej, "Projbizzjoni ta' prattiki ta' konverżjoni fl-Unjoni Ewropea"".

Il-protezzjoni tal-persuni LGBTIQ+ mill-abbuż, mill-prattiki ta' ħsara u mill-mibegħda, hija prijorità għall-Kummissjoni u pilastru ewlieni ta' din l-istrateġija. Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza u ż-żmantellar ta' narrattivi ta' mibegħda huma essenzjali sabiex jiġu rispettati l-valuri komuni tal-UE tal-ugwaljanza, id-dinjità tal-bniedem u r-rispett tad-drittijiet fundamentali għal kulħadd.

Il-Parlament Ewropew, fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea adottata fid-29 ta' April 2026 ([19]), "jikkundanna l-prattiki ta' konverżjoni, bħal prattiki mmirati lejn it-tibdil, ir-repressjoni jew it-trażżin tal-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, u/jew l-espressjoni tal-ġeneru ta' persuna, bħala ksur tad-drittijiet fundamentali, u jħeġġeġ ukoll, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għal att legali li jistabbilixxi projbizzjoni tal-UE fuq il-prattiki ta' konverżjoni fl-Istati Membri kollha bħala azzjoni ta' segwitu għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej dwar il-'Projbizzjoni ta' prattiki ta' konverżjoni fl-Unjoni Ewropea'". Saret sejħa simili fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar ir-rapport tal-Kummissjoni tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt tad-29 ta' April 2026 ([20]) u dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025, adottata fit-8 ta' Frar 2024 ([21]).

Il-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill dwar is-sikurezza ta' persuni LGBTI fl-Unjoni Ewropea ([22]), adottati fid-9 ta' Ġunju 2023 bl-appoġġ ta' 25 Stat Membru, jistiednu lill-Istati Membri, fil-kompetenzi nazzjonali tagħhom, biex "jipproteġu persuni LGBTI, kemm online kif ukoll offline, minn ... prattiki dannużi, inkluż li jkunu soġġetti għal 'prattiki ta' konverżjoni'".

Barra minn hekk, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta opinjoni fid-29 ta' April 2026 b'appoġġ għall-IĊE, li tirrakkomanda li l-Kummissjoni "tintroduċi proposta għal projbizzjoni legalment vinkolanti tal-UE fuq il-prattiki ta' konverżjoni. Il-projbizzjoni proposta jeħtieġ li tipprojbixxi l-attivitajiet kollha u r-reklamar ta' tali attivitajiet li għandhom l-għan li jibdlu, irażżnu jew iħassru l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru u/jew l-espressjoni tal-ġeneru ta' persuna" ([23]).

Barra minn hekk, fid-29 ta' Jannar 2026, l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa adottat riżoluzzjoni ([24]) li titlob lill-Istati Membri tagħha jipprojbixxu prattiki ta' konverżjoni li għandhom l-għan li jibdlu, irażżnu jew jissopprimu jew jeliminaw l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità/l-espressjoni tal-ġeneru ta' persuna, filwaqt li jipprevedu sanzjonijiet kriminali. Ir-riżoluzzjoni tiddikjara li azzjoni għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħsara kkawżata minn prattiki ta' konverżjoni hija imperattiv tas-saħħa pubblika u kwistjoni ta' rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, filwaqt li tafferma mill-ġdid l-importanza tal-awtonomija personali, kif protetta skont l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Din tipproponi wkoll sett ta' miżuri li jikkonċernaw l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi, it-taħriġ u l-għarfien pubbliku.

([17]) Il-President Ursula von der Leyen, ittra ta' missjoni lil Hadja Lahbib, Kummissarju għall-Ugwaljanza, il-Preparatezza u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet, Il-Kummissjoni Ewropea, l-1 ta' Diċembru 2024.

([18]) Il-Kummissjoni Ewropea Unjoni tal-Ugwaljanza:L-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ+ 2026-2030, COM(2025) 725 final.

([19]) Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' April 2026 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea fl-2024 u l-2025 (P10_TA(2026)0146).

([20]) Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' April 2026 dwar ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt (P10_TA(2026) 0147).

([21]) Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Frar 2024 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025 (P9_TA(2024)0076).

([22]) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Konklużjonijiet tal-Presidenza dwar is-sikurezza ta' persuni LGBTI fl-Unjoni Ewropea, id-9 ta' Ġunju 2023.

([23]) Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, Opinjoni "Projbizzjoni ta' prattiki ta' konverżjoni fl-Unjoni Ewropea", adottata fid-29 ta' April 2026 (SOC/854-EESC-2025).

([24]) L-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa (PACE), ir-Riżoluzzjoni 2534 (2026): Il-protezzjoni ta' persuni LGBTI minn "prattiki ta' konverżjoni", adottata fid-29 ta' Jannar 2026.

2.3 **Il-kuntest legali nazzjonali**

S'issa tmien Stati Membri adottaw liġijiet li jipprojbixxu l-prattiki ta' konverżjoni ([25]). Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-liġijiet ivarja, u ġeneralment jikkriminalizza jew jipprojbixxi tentattivi biex tinbidel jew tiġi mrażżna l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru ta' persuna, u fil-biċċa l-kbira tal-każijiet saħansitra l-espressjoni tal-ġeneru, skont il-liġi amministrattiva. Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-liġijiet nazzjonali jinkludu pieni aggravati għal reati mwettqa kontra minorenni jew adulti vulnerabbli. Is-sanzjonijiet jinkludu multi fihom kollha u priġunerija fil-biċċa l-kbira tagħhom. Ir-reklamar ta' prattiki ta' konverżjoni huwa pprojbit ukoll minn dawn il-liġijiet nazzjonali kollha.

3. **RISPOSTA GĦALL-INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ**

L-IĊE tistieden lill-Kummissjoni biex: (i) "tipproponi direttiva li żżid prattiki ta' konverżjoni mal-lista ta' reati b'dimensjoni tal-UE u/jew temenda d-direttiva li għaddejja bħalissa dwar l-ugwaljanza (2008) biex tinkludi projbizzjoni fuq dawn il-prattiki"; (ii) "temenda d-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi biex tistabbilixxi standards minimi dwar id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ta' prattiki ta' konverżjoni"; (iii) "tiġi infurzata riżoluzzjoni mhux vinkolanti li tappella għal projbizzjoni mifruxa tal-prattiki ta' konverżjoni fl-UE".

Fl-aħħar mill-aħħar, l-IĊE tindika b'mod ċar li "l-Istati Membri kollha għandhom jintroduċu projbizzjoni fuq il-prattiki ta' konverżjoni".

Bi tweġiba għall-inizjattiva, il-Kummissjoni tissottolinja li:

(a) Il-Kummissjoni biħsiebha tadotta rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni fl-2027, bl-għan li tistieden lill-Istati Membri jdaħħlu fis-seħħ projbizzjoni tal-prattiki ta' konverżjoni fi ħdan il-qafas legali tagħhom.

(b) B'kuntrast ma' dan, il-Kummissjoni tqis li ma jkunx effettiv, għar-raġunijiet stabbiliti hawn taħt, li tagħmel proposta għal att legali tal-Unjoni għall-finijiet tal-Artikolu 11(4) TUE.

3.1 **L-adozzjoni ta' rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni biex jintlaħaq l-objettiv tal-IĊE**

Il-Kummissjoni biħsiebha tadotta rakkomandazzjoni, att legali bbażat fuq l-Artikolu 292 tat-TFUE, li jipproteġi lill-persuni LGBTIQ+, b'mod partikolari dawk l-aktar vulnerabbli, u jiġġieled kontra l-prattiki ta' konverżjoni mmirati lejn it-tibdil, ir-repressjoni jew it-trażżin tal-orjentazzjoni sesswali jew l-identità/l-espressjoni tal-ġeneru tagħhom. Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni hija mistennija li tilħaq l-objettivi sostantivi tal-IĊE.

Filwaqt li taġixxi b'rakkomandazzjoni, il-Kummissjoni se tirrikonoxxi r-rwol kritiku li għandhom l-Istati Membri f'dan il-qasam u se tiffoka fuq l-appoġġ tagħhom fil-projbizzjoni tal-prattiki ta' konverżjoni, filwaqt li tħeġġeġ azzjoni nazzjonali biex testendi l-projbizzjoni legali madwar l-UE.

Huwa maħsub li r-rakkomandazzjoni se tibni fuq prattiki tajbin minn projbizzjonijiet eżistenti fuq prattiki ta' konverżjoni fl-Istati Membri, filwaqt li tistedinhom kollha jkollhom projbizzjoni fis-seħħ. Il-Kummissjoni se tikkunsidra wkoll li tinkludi, fir-rakkomandazzjoni, rakkomandazzjonijiet għal miżuri komplementari oħra, bħal azzjonijiet biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-ġustizzja u kumpensi għall-vittmi u s-superstiti li jibnu fuq l-obbligi legali li jirriżultaw mid-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi meta tali prattiki jiġu kriminalizzati; korsijiet ta' taħriġ għas-saħħa mentali u prattikanti mediċi rilevanti oħra.

Il-Kummissjoni biħsiebha tistieden lill-Istati Membri jipprovdu informazzjoni dwar kif ir-rakkomandazzjoni se tiġi implimentata fil-kuntest nazzjonali tagħhom, u b'hekk tkun tista' ssir valutazzjoni ta' kif, fil-prattika, ir-rakkomandazzjoni tiġi implimentata fir-realtà.

It-tħejjija tar-rakkomandazzjoni se tkun sostnuta minn djalogu strutturat dwar is-suġġett li l-Kummissjoni biħsiebha tippromwovi permezz tal-grupp ta' esperti dwar l-ugwaljanza tal-persuni LGBTIQ+, li jlaqqa' flimkien lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-partijiet ikkonċernati biex isaħħu l-ugwaljanza tal-persuni LGBTIQ+ taħt il-grupp ta' livell għoli dwar in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza u d-diversità.

Barra minn hekk, kif imħabbar fl-istrateġija dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+, il-Kummissjoni se tistabbilixxi forum ta' politika LGBTIQ+ mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili LGBTIQ+: l-ewwel edizzjoni ta' dan il-forum se ssir qabel tmiem l-2026 fi Brussell u se tiffoka fuq il-prattiki ta' konverżjoni.

([25]) Il-Belġju, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza, Ċipru, Malta u l-Portugall.

Fl-aħħar nett, kif imħabbar ukoll fl-istrateġija dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+, il-Kummissjoni nediet studju dwar il-prattiki ta' konverżjoni, li se jipprovdi l-bażi għar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni billi jikkunsidra aspetti bħal-livell ta' koerċizzjoni u l-pressjoni involuti f'tali prattiki.

3.2 **Raġunijiet għaliex ma saritx proposta għal att legali tal-Unjoni għall-finijiet tal-Artikolu 11(4) TUE**

Il-Kummissjoni tispjega fid-deċiżjoni ta' reġistrazzjoni tagħha li "ma jistax jiġi eskluż li l-Kummissjoni tista' tipproponi ż-żieda ta' ċerti prattiki ta' konverżjoni furzata mal-**lista ta' reati tal-UE abbażi tal-Artikolu 83(1) TFUE**, dment li r-rekwiżiti ta' din id-dispożizzjoni jkunu debitament ġustifikati u b'mod partikolari li tali prattiki ta' konverżjoni jistgħu jitqiesu li jammontaw għal 'reati kriminali partikolarment gravi ta' dimensjoni transfruntiera li jirriżultaw min-natura jew l-impatt ta' dawn ir-reati jew minn ħtieġa partikolari li jiġu miġġielda fuq bażijiet komuni'."

Proposta leġiżlattiva ġdida skont din id-dispożizzjoni tkun teħtieġ, bħala l-ewwel pass, li tiġi stabbilita bażi legali ġdida permezz ta' deċiżjoni unanima tal-Kunsill li testendi l-lista ta' reati b'dimensjoni tal-UE. Ir-reati elenkati fl-Artikolu 83(1) tat-TFUE jikkonċernaw oqsma ta' kriminalità partikolarment serji b'dimensjoni transfruntiera. Huwa biss jekk il-Kunsill jestendi l-lista ta' reati b'dimensjoni tal-UE li l-Kummissjoni tkun tista' tipproponi, bħala t-tieni pass, direttiva taħt din il-bażi legali ġdida.

Il-Kummissjoni tqis li t-tnedija ta' inizjattiva bħal din biex tiġi estiża l-lista ta' reati skont l-Artikolu 83(1) tat-TFUE ma tikkumbattix b'mod effettiv il-fenomenu tal-prattiki ta' konverżjoni. Għalkemm ma jistax jiġi eskluż li ċerti prattiki ta' konverżjoni furzata jissodisfaw il-kriterju relatat ma' oqsma ta' kriminalità partikolarment serji b'dimensjoni transfruntiera, proporzjon żgħir biss ta' tali prattiki x'aktarx li jagħmlu dan.

Il-proposta tal-Kummissjoni tal-2008 għal **Direttiva dwar it-Trattament Ugwali** ([26]) għandha l-għan li testendi l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni abbażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali għal oqsma lil hinn mill-impjieg. Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona fl-1 ta' Diċembru 2009, il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 19 TFUE, għalhekk hija meħtieġa l-unanimità fil-Kunsill, wara li jinkiseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew.

Għalkemm il-proposta ilha tiġi diskussa fil-Kunsill għal kważi 18-il sena, u l-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri jappoġġaw l-adozzjoni tat-test ta' kompromess ippreżentat mill-Presidenza Belġjana tal-Kunsill fl-ewwel nofs tal-2024 ([27]), għadu ma kienx possibbli li jintlaħaq qbil.

Kwalunkwe emenda ġdida għat-test ta' kompromess attwali ma tiffurmax parti mir-risposta tal-Kummissjoni għall-IĊE, peress li l-Kunsill huwa responsabbli biex jagħmel tali emendi. Barra minn hekk, l-impożizzjoni ta' projbizzjoni fuq il-prattiki ta' konverżjoni ma tidħolx fil-fokus u l-kamp ta' applikazzjoni trażversali ta' din il-proposta.

Il-Kummissjoni ttenni li **proposta ġdida għal miżuri leġiżlattivi abbażi tal-Artikolu 19 tat-TFUE** tista' ssir jekk il-prattiki ta' konverżjoni jikkostitwixxu diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess jew l-orjentazzjoni sesswali fi ħdan it-tifsira ta' dak l-artikolu. Għalkemm huwa probabbli li wħud minn dawn il-prattiki jissodisfaw din il-kundizzjoni, il-Kummissjoni ma tqisx li proposta ġdida skont l-Artikolu 19 tat-TFUE hija l-iktar mod effettiv sabiex jiġu indirizzati l-għanijiet tal-IĊE, fid-dawl, b'mod partikolari, tad-diffikultajiet marbuta mal-adozzjoni unanima mill-Kunsill.

Barra minn dan, id-deċiżjoni dwar ir-reġistrazzjoni tispjega li "Fir-rigward tal-istabbiliment ta' standards minimi dwar id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ta' prattiki ta' konverżjoni, il-Kummissjoni tista' tipproponi **emendi għad-Direttiva 2012/29/UE dwar id-drittijiet tal-vittmi abbażi tal-Artikolu 82(2) TFUE**."

([26]) Il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008) 0426 final).

([27]) Id-Direttiva dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali (Artikolu 19) - Rapport ta' Progress (10817/24).

Il-Kummissjoni ma tqisx li huwa ġġustifikat li tipproponi emendi ġodda għad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi ([28]). Wara l-proposta tal-Kummissjoni għal reviżjoni tad-Direttiva dwar id-Drittijiet dwar il-Vittmi f'Lulju 2023 ([29]), il-koleġiżlaturi qablu b'mod proviżorju dwar Direttiva riveduta dwar id-Drittijiet tal-Vittmi f'Diċembru 2025 ([30]). Ir-regoli l-ġodda se jsaħħu d-drittijiet tal-vittmi kollha, pereżempju permezz ta' aċċess aħjar għall-informazzjoni u l-appoġġ, rapportar iffaċilitat tal-kriminalità, protezzjoni aħjar tad-data personali tal-vittmi, valutazzjoni individwali msaħħa tal-ħtiġijiet tal-vittmi, aċċess iffaċilitat għall-kumpens mill-awtur tar-reat u koordinazzjoni u kooperazzjoni aħjar fost il-persuni li jikkuntattjaw lill-vittmi. Il-vittmi tal-vjolenza sesswali se jibbenefikaw minn servizzi ta' appoġġ immirati u integrati li jinkludu l-aċċess għall-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva.

Sa fejn il-prattiki ta' konverżjoni huma kriminalizzati skont il-liġi nazzjonali, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva kif trasposti fil-liġi nazzjonali se japplikaw għall-vittmi ta' tali reati.

Id-Direttiva tenfasizza li għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi sabiex jiġu protetti minn vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta, intimidazzjoni u ritaljazzjoni. Il-vittmi jridu jirċievu valutazzjoni individwali biex jidentifikaw protezzjoni u ħtiġijiet speċifiċi u biex jiddeterminaw jekk, u sa liema punt, jibbenefikaw minn miżuri speċjali. Għalhekk, fl-Istati Membri fejn il-prattiki ta' konverżjoni huma kriminalizzati, il-vittmi ta' tali prattiki jeħtieġ li jibbenefikaw mill-qafas ta' protezzjoni u appoġġ ipprovdut mid-Direttiva, inklużi valutazzjoni individwali u aċċess għal servizzi ta' appoġġ idonei.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tqis li l-adozzjoni ta' **proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill** ma tippermettix li l-objettivi tal-IĊE jiġu indirizzati b'mod komprensiv u effiċjenti. Fir-rigward tal-proposta ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill abbażi tal-Artikolu 83(1) tat-TFUE flimkien mal-Artikolu 292 tat-TFUE, bħalissa mhuwiex possibbli li wieħed jgħid jekk ċerti prattiki ta' konverżjoni jistgħux jaqgħu taħt qasam ta' "kriminalità partikolarment serja b'dimensjoni transfruntiera" fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 83(1) tat-TFUE. Fir-rigward tal-proposta ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill abbażi tal-Artikolu 19 tat-TFUE flimkien mal-Artikolu 292 tat-TFUE, l-isfidi deskritti hawn fuq għal azzjoni leġiżlattiva bbażata fuq l-Artikolu 19 tat-TFUE jaffettwaw ukoll tali rakkomandazzjoni.

4. KONKLUŻJONI U PROSPETTIVA

Bi tweġiba għall-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej "Projbizzjoni ta' prattiki ta' konverżjoni fl-UE", il-Kummissjoni biħsiebha tadotta rakkomandazzjoni, li hija mistennija li tilħaq l-objettivi sostantivi tal-IĊE, fl-2027.

Huwa maħsub li r-rakkomandazzjoni se tibni fuq prattiki tajbin minn projbizzjonijiet eżistenti fuq prattiki ta' konverżjoni fl-Istati Membri. Dan se jkun ibbażat fuq proċess ta' konsultazzjoni komprensiva, inkluż permezz tal-grupp ta' esperti dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ u l-forum ta' politika l-ġdid LGBTIQ+. Is-sejbiet minn studju mniedi mill-Kummissjoni dwar is-suġġett se jirfdu wkoll ir-rakkomandazzjoni.

Ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tipprevedi li:

— tirrakkomanda li l-Istati Membri jipprojbixxu prattiki ta' konverżjoni fl-ordni ġuridiku nazzjonali tagħhom;

— tipproteġi lill-persuni LGBTIQ+ u tiġġielded kontra l-prattiki ta' konverżjoni mmirati lejn l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità/l-espressjoni tal-ġeneru tagħhom;

— tissupplimenta l-projbizzjoni rakkomandata fuq il-prattiki ta' konverżjoni b'rakkomandazzjonijiet għal miżuri oħra li jipprovdu, pereżempju, taħriġ għall-prattikanti;

— tistieden lill-Istati Membri jipprovdu informazzjoni dwar kif ir-rakkomandazzjoni tiġi implimentata fil-kuntest nazzjonali tagħhom, bħala bażi għall-valutazzjoni ta' tali implimentazzjoni.

([28]) Id-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità.

([29]) Ara l-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI (COM/2023/424 final).

([30]) Stqarrija għall-istampa tal-Kunsill: l-UE ssaħħaħ il-protezzjoni u l-appoġġ tal-vittmi tal-kriminalità, l-10 ta' Diċembru 2025.